A.L. 374 ta' l-2007

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni ta' l-2007 dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tat-Tuniżija)

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dan l-ordni li ġej:-

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2007 dwar l-Estradizzjoni (Repubblika tat-Tuniżija). Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dak il-jum li l-Ministru jordna fil-Gazzetta wara li jidħol fis-seħħ it-Trattat skond il-pattijiet ta' l-istess Trattat.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir.

"l-Att rilevanti" tfisser l-Att dwar l-Estradizzjoni;

"id-data rilevanti" tfisser id-data meta l-Ordni jidħol fis-seħħ;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"it-Trattat" tfisser it-Trattat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tat-Tuniżija iffirmat fl-14 ta' Diċembru 2006, f'Malta, li l-pattijiet tiegħu jinsabu stipulati fit-Trattat relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data tat-13 ta' Novembru 2007.

3. Għall-finijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Ministru speċifika lir-Repubblika tat-Tuniżija. Speċifikazzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att rilevanti.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Att rilevanti, sakemm ma jiġix espressament indikat xort'oħra, għandu japplika għal talbiet riċevuti f'Malta jew li jsiru minn Malta fid-data rilevanti jew wara dik id-data Relazzjoni bejn l-Ordni u l-Att rilevanti u dispożizzjonijiet transitorji.

għat-treġġigħ lura ta' kriminali maħrub lejn jew mir-Repubblika tat-Tuniżija konformement ma' talba magħmula taħt dan l-Ordni, u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att rilevanti għandhom iseħħu dwar it-treġġigħ lura taħt dan l-Ordni ta' persuni lejn, jew dwar persuni li jitreġġgħu lura taħt dan l-Ordni mir-Repubblika tat-Tuniżija bla ħsara għal dawk il-kundizżzjonijiet, eċċezzjonijiet, adattamenti jew tibdiliet li jiġu speċifikati f'dan l-Ordni.

Jemenda l-artikolu 8 ta' l-Att rilevanti.

5. Għall-finijiet taħħdan l-Ordni, l-artikolu 8(1)(a) ta' l-Att rilevanti għandu japplika bħallikieku minflok il-kliem "skond dik il-liġi" jiġu sostitwiti l-kliem "skond il-liġi ta' Malta u skond dik il-liġi".

Estradizzjoni għal reati anqas gravi.

6. Meta l-estradizzjoni tigi ordnata għal xi reat ta' estradizzjoni, din għandha tiġi ordnata wkoll għal kull reat ieħor specifikat fit-talba jekk dak ir-reat l-ieħor ikollu piena li fiha titnehha l-libertà ghal żmien sena jew anqas, sakemm ikun sodisfatt kull rekwiżit ieħor għall-estradizzjoni.

Jemenda l-artikolu 10 ta' l-Att rilevanti.

7. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, l-artikolu 10 ta' l-Att rilevanti għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

(1) Persuna m'għandhiex titreġġa' lura taħt dan l-Att lejn ebda pajjiż, jew tintbagħat jew tinżamm f'kustodja għall-finijiet ta' treġġigħ lura bħal dak, jekk il-Ministru jew il-qorti rimandanti ikun jidhrilhom -

(a) li r-reat li dik il-persuna tkun qegħda tiġi akkużata bih jew tkun insabet ħatja dwaru jkun reat ta' xorta politika jew att li jkollu x'jaqsam ma' reat bħal dak; jew

(b) li t-talba għat-treġġigħ lura tagħha (għalkemm din tkun qegħda ssir minħabba f'reat ta' estradizzjoni) tkun fil-fatt qegħda ssir bil-għan li jitmexxa kontriha jew li tingħata piena minħabba fir-razza, post ta' oriġini, ċittadinanza, fehmiet politiċi, kulur, reliġjon jew twemmin tagħha; jew

(ċ) li hija tista', fil-każ li titreġġa' lura, tkun preġudikata fil-proċess kriminali li jsir kontriha jew tingħata piena, miżmuma f'detenzjoni jew ristretta fil-libertà personali tagħha minħabba fir-razza, post ta'

oriġini, ċittadinanza, fehmiet politiċi, kulur, reliġjon jew twemmin tagħha;

(d) li meta jkun hemm tassew għaliex wieħed jaħseb li fil-każ li persuna titreġġa' lura, din x'aktarx li ma tgawdix il-garanziji li joħorġu minn smigħ xieraq fil-proċess;

(e) li r-reat li dik il-persuna tkun qegħda tiġi akkużata bih jew tkun instabet ħatja dwaru twettaq fuq territorju Malti.".

(b) is-subartikolu (3) sħiħ għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tiegħu, u minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Meta d-deskrizzjoni tar-reat tinbidel matul il-proċedimenti, għandu jitmexxa biss kontra l-persuna li titreġġa' lura sakemm ir-reat, taħt id-deskrizzjoni ġdida tiegħu, ibbażat fuq l-istess fatti jkun jippermetti li tiġi ordnata l-estradizzjoni.".

Jemenda l-artikolu 11 ta' l-Att rilevanti.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, is-subparagrafu (ġ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att rilevanti għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (g), minflok il-kliem "ta' Malta." jiġu sostitwiti l-kliem "ta' Malta:"; u

(b) minnufih wara l-paragarfu (g) għandu jiżdied dan il-paragarfu ġdid li gej :

"(ġ) jekk il-persuna tiġi akkużata b'xi reat fil-ġurisdizzjoni ta' Malta li jkun imsejjes fuq l-istess fatti bħal dak li dwaru tkun imsejsa t-talba għall-estradizzjoni.".

Jissostitwixxi l-artikolu 12 ta' l-Att rilevanti.

9. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, minflok l-artikolu 12 ta' l-Att rilevanti, għandu jidħol dan li ġej:

"Konsenja temporanja.

12. Jekk f'xi waqt fis-smigħ dwar l-estradizzjoni l-qorti tiġi mgħarrfa li l-persuna li dwarha tkun ġiet riċevuta talba għall-estradizzjoni tiġi akkużata b'reat'f'Malta, jew'tkun qegħda tiskonta sentenza f'Malta'għal xi reat, il-qorti tista':

(a) tipposponi l-konsenja sakemm il-persuna tkun inħelset sew b'liberazzjoni sew għax tkun skontat is-sentenza jew xort'oħra; jew

(b) tikkonsenja temporanjament lill-persuna taħt kundizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub ma' l-awtorità li tagħmel it-talba għall-estradizzjoni.".

Jemenda l-artikolu 15 ta' l-Att rilevanti.

10. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, minnufih wara s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att rilevanti għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4A) Jekk il-qorti jirriżultalha li l-informazzjoni mwassla mill-pajjiż li jagħmel it-talba ma tkunx suffiċjenti biex tkun tista' tiddeċiedi fuq jekk każ jiġix rimandat, din għandha titlob għall-informazzjoni supplimentari meħtieġa bla ħsara għal kull terminu li tista' tistipula għal dak l-għan.".

Jemenda l-artikolu 21 ta' l-Att rilevanti.

11. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att rilevanti minnufih wara l-kliem "tkun saret minn pajjiż ieħor" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew minn tribunal internazzjonali".

Jemenda l-artikolu 22 ta' l-Att rilevanti.

12. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att rilevanti għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dokument għandu jitqies li jkun ġie awtentikat kif imiss għall-fini ta' dan l-artikolu jekk dan jiġi ċertifikat minn awtorità kompetenti tar-Repubblika tat-Tuniżija bħala d-dokument oriġinali jew kopja awtentika ta' l-oriġinal, u jkollu s-siġill tal-Ministeru tal-Ġustizzja u/jew tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tat-Tuniżija.".

Jemenda l-artikolu 23 ta' l-Att rilevanti.

13. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, fis-subartiklolu (2) tal-artikolu 23 ta' l-Att rilevanti minflok il-kliem "il-mewt jew il-ħarba" għandhom jidħlu l-kliem "il-mewt, l-għejba jew il-ħarba".

Jemenda l-artikolu 25 ta' l-Att rilevanti.

14. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, l-artikolu 25 ta' l-Att rilevanti għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala paragrafu (a) tiegħu, u minnufih wara l-paragarfu (a) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Meta d-deskrizzjoni tar-reat tinbidel matul il-proċedimenti, għandu jitmexxa biss kontra l-persuna li titreġġa' lura sakemm ir-reat, taħt id-deskrizzjoni ġdida tiegħu, ibbażat fuq l-istess fatti ikun jippermetti li tiġi ordnata l-estradizzjoni."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied dan s-subartikolu ġdid li ġej:

"Estradizzjoni ulterjuri

(3A) Id-disposizzjonijiet hawn qabel imsemmija ta' dan l-artikolu m'għandhomx jipprevjenu l-estradizzjoni ulterjuri ta' persuna lejn Stat terz jew tribunal internazzjonali, jekk:

(a) dik il-persuna titlaq mit-territorju ta' Malta wara l-estradizzjoni u terġa' lura fih minn jeddha; jew

(b) dik il-persuna ma titlaqx mit-territorju ta' Malta fi żmien 45 ġurnata mill-ġurnata meta dik il-persuna tkun tista' titlaq.".

Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza passaġġ.

15. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jawtorizza passaġġ minn Malta ta' persuna li tkun qegħda tiġi konsenjata lir-Repubblika tat-Tuniżija jew mir-Repubblika tat-Tuniżija lejn Stat terz - sakemm tingħata din l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-persuna li tkun qegħda tiġi konsenjata;

(b) dikjarazzjoni qasira tal-fatti tal-każ:

Iżda għandu jiġi miċħud passaġġ jekk il-persuna li tkun qegħda tiġi konsenjata tkun ċittadin jew resident permanenti f'Malta.

(2) L-informazzjoni fis-subartikolu (1) tista' tingħata lill-Kummissarju tal-Pulizija b'kull mezz li jista' jinżamm *record* bil-miktub tiegħu.

(3) Meta t-trasport tal-persuna konsenjata ikun ser isir bl-ajru, ikun biss meħtieġ li l-Kummissarju tal-Pulizija jiġi provdut bl-informazzjoni meħtieġa fis-subartikolu (1) jekk jiġri li jkun hemm inżul mhux skedat.

Garanzija tista' tingħata biss f'irkostanzi eċezzjonali.

16. Meta l-Ministru jkun intrabat f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsenja temporanja ta' persuna lejn Malta, u r-rabta tkun tinkludi pattijiet li l-persuna għandha tinżamm f'kustodja sakemm jintemmu kull proċedimenti kontriha f'Malta għal xi reat, il-qorti tkun tista' tagħti garanzija lill-persuna fil-proċedimenti biss jekk hija tqis li jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jkunu jiġġustifikaw dik il-garanzija.